



Brussell, 15 ta' April 2026
(OR. en)

07994/26

COPS 195
CIVCOM 79
COEST 272
CFSP/PESC 497
CSDP/PSDC 214
PSC DEC 14
EUPM MOLDOVA 2
RELEX 464

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/...

ta' ...

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/855 tal-24 ta' April 2023 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

¹ ĠU L 110, 25.4.2023, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/855/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/855, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat mill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova), inkluż id-deċiżjoni biex jinħatar Kap tal-Missjoni fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").
- (2) Fl-1 ta' April 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/686² li testendi l-mandat tas-Sur Cosmin DINESCU bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUPM Moldova mill-25 ta' April 2025 sal-24 ta' April 2026.
- (3) Fit-23 ta' Marzu 2026, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet il-ħatra tas-Sa Kirsten JOPPE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPM Moldova mill-25 ta' April 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.
- (4) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sa Kirsten JOPPE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPM Moldova mill-25 ta' April 2026 sal-31 ta' Mejju 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/686 tal-1 ta' April 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (EUPM Moldova/1/2025) (ĠU L, 2025/686, 3.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/686/oj>).

Artikolu 1

Is-Sa Kirsten JOPPE hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) mill-25 ta' April 2026 sal-31 ta' Mejju 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Għandha tapplika mill-25 ta' April 2026.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*
